MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 697/2011

Socjeta' 360 Food Import Limited (C-46590).

Vs

Khaled Yassine.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' mitejn, u erba u erbghin ewro u sitta u sittin centezmu (€244.66) minghand il-konvenut, rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju 2011 u tal-ittra legal ital-20 ta' Lulju 2011, u bl-imghax tat-8% mit-30 ta' Mejju 2011 sal-hlas effettiv, u inkluz Ewro 23.30, konsult, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas s-somma ta' mitejn, u erba u erbghin ewro u sitta u sittin centezmu (€244.66), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------